MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 378/1990/1

**Albert Sacco**

**Vs**

**John Camilleri**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-attur ta appalt lill-konvenut ghal kisi ta' soqfa u tikhil u tibjid bil-gir fid-dar ta' l-attur, ghal liema xoghol l-attur hallas lill-konvenut Lm400 bhala depozitu;

Premess illi l-konvenut hadem xi xoghol, f'erba' okkazjonijiet, liema xoghol deher li ma kienx skond l-arti u

s-sengha u kien fih hafna difetti u ghalhekk il-partijiet ftehmu li jitterminaw l-imsemmi appalt;

Premess illi fin-negozjati ta' bejniethom il-partijiet ma ftehmux fuq il-konteggi ta' bejniethom billi l-attur jippretendi r-rifusjoni ta' l-imsemmi depozitu billi x-xoghol li sar irid jinqala billi ma sarx skond l-arti u s-sengha u kien fih hafna difetti, filwaqt li l-konvenut jippretendi li ghandu jithallas iktar tax-xoghol li lahaq ghamel;

Premess li x-xoghol li lahaq ghamel il-konvenut kif intqal ser ikollu jinqala u minhabba dan ix-xoghol hazin l-attur sofra u ghad jista' jsofri danni kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara u tiddecidi li l-imsemmi appalt hu rexiss billi x-xoghol li lahaq ghamel il-konvenut, sar hazin u mhux skond l-arti u s-sengha u fih hafna difetti;

2. Tikkundanna lill-konvenut li jirrifondi u jhallas lura d-depozitu ta' erba' mitt lira (Lm400) lilu ga mhallas, bl-interessi mid-data tal-pagament lill-konvenut ta' l-istess depozitu;

3. Tiddeciedi u tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-attur minhabba x-xoghol difettuz u mhux skond l-art u s-sengha minnu maghmul kif qabel spjegat;

4. Tillikwida d-dannikollha sofferti mill-attur kif qabel imsemmi jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi;

5. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma hekk likwidata bl-interessi kummercjali;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittri tat-22 ta' Jannar 1990 u tas-26 ta' Marzu 1990, kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur, il-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li perezz taghha huwa eccepixxa:-

1. Illi x-xoghol ezegwit mill-eccipjent kien skond il-ftehim u skond l-arti u s-sengha. L-eccipjent dam jahdem xahar u nofs u l-attur qatt ma lmenta minn xejn. Kien biss meta l-eccipjent insista li jithallas akkont skond il-ftehim li l-attur l-ewwel ipprokrastina, u wara li l-eccepjent waqaf mix-xoghol sakemm jithallas, qal li x-xoghol ma kienx tajjeb;

2. Illi ghalhekk it-talbiet kollha attrici kellhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu;

3. Illi ma kienx veru li l-partijiet ftehmu li jitterminaw l-appalt u ma ftehmux dwar il-konteggi. L-eccepjent kien offra li x-xoghol jigi ezaminat minn perit u li jirranga jekk ikun il-kaz, kull xoghol li jista' jordnalu, pero` waqt l-access tal-perit, l-attur kien agredixxa lill-eccepjent u ma sar xejn. Konsegwentement f'kull eventwali l-eccepjent ma kellux ibati spejjez ta' dawn il-proceduri;

4. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat il-kontro-talba tal-konvenut illi fiha huwa ppremetta:-

Illi l-eccepjent kien inkarigat b'xoghol ta' kisi ta' soqfa, tikhil u passata wahda gir fuq liema xoghol l-eccepjent ircieva Lm400 depozitu u bil-ftehim li l-attur ihallas akkonti ohra waqt ix-xoghol;

Illi wara li l-esponent dam xahar u nofs ghaddej bix-xoghol u kienlesta l-bicca l-kbira tieghu talab lill-attur ihallsu xi haga ohra akkont u l-attur bi skuza jew ohra baqa' jitratjeni u ma hallasx bi ksur tal-ftehim ta' appalt;

Illi minhabba f'hekk l-istanti waqaf mix-xoghol sakemm l-attur ihallas akkont ragonevoli tax-xoghol li kien sar;

Illi kien hawnhekk lil-attur beda jilmenta mill-kwalita` tax-xoghol u ghalkemm l-istanti offra li jirranga kull xoghol li jista' jordnalu l-perit, dan ma setax isir minhabba li waqt l-access ghal dan l-iskop, l-attur aggredixxa vjolentement lill-esponent u kkagonalu feriti ta' natura gravi li kellhom jiddewwew l-isptar;

Illi l-esponent lahaq lesta xoghol aktar mill-ammont ta' Lm400 depozitu mhallas mill-attur;

Illi l-attur interpellat biex ihallas baqa' inadempjenti u minflok fetah din il-kawza;

Talab ghalhekk il-konvenut lil din il-Qorti sabiex:-

1. Tillikwida l-valur tal-parti mill-appalt li l-konvenut lahaq ezegwixxa;

2. Tillikwida l-bilanc tal-prezz dovut mill-attur lill-konvenut tal-parti mill-appalt ezegwita minnu;

3. Tikkundanna lill-attur ihallas lill-konvenut il-bilanc hekk dikjarat bhala dovut tax-xoghol ezegwit minnu kif fuq inghad;

Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra tieghu mid-data tal-prezenti;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijet ta' l-attur ghall-kontro-talba tal-konvenut illi fiha huwa eccepixxa:-

Illi ma kienx minnu illi l-konvenut Camilleri lahaq ezegwixxa l-appalt f'valur ta' oltre Lm400 kif jirrizulta fit-trattazzjoni tal-kawza u ghalhekk it-talbiet tieghu kienu infondati fil-fatt u fid-dritt;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’l-attur u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet tat-23 ta’ Mejju 1990 li permezz tieghu gie nominat AIC Michael Angelo Refalo bhala perit tekniku sabiex jirrelata u jfittex dwarit-talbiet ta’ l-attur wara li jiehu konjizzjoni ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut u l-kontro talba tal-konvenut u ta’ l-eccezzjonijiet ta’ l-attur ghall-kontro-talba tal-konvenut;

Rat ir-relazzjoni ta’ l-istess perit gudizzjarju li tinsab a fol. 80 *et sequitur* tal-process u li giet minnu debitament konfermata fl-udjenza tat-3 ta’ April 1998;

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda prodotti kif ukoll ta’ dik moghtija in eskussjoni mill-perit nominat;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

F'din l-istanza l-kontendenti qed jippretendu hlas wiehed minghand l-iehor. Hekk fl-azzjoni principali tieghu l-attur qed jippretendi r-rifuzjoni ta' dak li hallas akkont lill-konvenut ghall-appalt kommissjonat kif ukoll id-danni. Minn naha tieghu permezz tal-kontro-talba l-konvenut qed jiddomanda l-hlas ghax-xoghlijiet li lahaq ezegwixxa u li skond hu kien jeccedi l-ammont li rceva akkont fil-bidu ta' l-appalt konkordat skond Dok. P1;

Preordinatament ghat-talbiet tieghu ghar-rifuzjoni u ghad-danni l-attur talab dikjarazzjoni fis-sens li l-appalt hu rexxiss fuq il-bazi ta' l-allegati difetti fix-xoghlijiet ezegwiti mill-konvenut;

Jibda' biex jinghad li d-deduzzjoni fid-domanda attrici ma kelliex guridikament tkun wahda ta' "rexxissjoni", li hi marbuta ma' l-annullament tal-kuntratt, u li kif jinghad fis-

sentenza "**Elena Agius -vs- Giuseppe Ciancio noe**", Appell Civili, 3 ta' Frar 1936, trid dejjem dikjarazzjoni gudizzjarja *ad hoc*. Kif kwalifikata l-ewwel talba dik kellha invece tkun ghar-"rizoluzzjoni" tal-kuntratt, li ghalkemm trid ukoll tigi dikjarata gudizzjarjament,hija haga ben distinta mir-rexxissjoni, tant li l-ligi tikkollokahom f'sub-titoli differenti. Hawmhekk non si tratta ta’ kuntratt difettuz u ghalhekk annullabbli izda pjuttost ta' kuntratt perfett izda suggett ghax-xoljiment ghaliex skond l-attur, il-konvenut ma ssodisfax l-obbligazzjoni tieghu tant li qed jigi allegat li x-xoghlijiet ma sarux skond l-arti u s-sengha. Ara *in subjecta materja* l-esposizzjoni ta' l-insenji Imhallef Maurice Caruana Curran fil-kawza "**Emmanuele Calleja -vs- Joseph Grech**" Prim' Awla, Qorti Civili, 10 ta' Gunju 1965.

Strettament ghalhekk il-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni ta' domanda barra mic-citazzjoni;

Izda anke kieku kellha tikkunsidra li dan kien *lapsus* jew improprjeta` guridika tal-kelma u li fil-fatt l-attur kien qed jintendi r-rizoluzzjoni tal-kuntratt ghar-ragunijiet minnu vantati, l-istess talba dikjaratorja tfalli. Dan minhabba l-mod kif zvolgew ruhhom il-fatti fil-kors tal-proceduri u li fi kliem il-perit tekniku f'paragrafu 45 tar-relazzjoni ittraskrivew ruhom fi "zball madornali" da parte ta' l-attur;

Issa huwa minnu illi kif intqal fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet "**Emmanuele Barbara -vs- Michelina Farrugia**", 10 ta' Ottubru 1958 il-massima "*inademplenti non est ademplundum*" tapplika anki f'materja ta' appalti. Eppure f'dan ir-rigward, u kif gja fuq rifless, hemm certi konsiderazzjonijiet ta' natura legali li ma jidhrix li l-attur ikkoltiva jew qies bizzejjed;

Biex l-appalt jitqies xjolt, fin-nuqqas ta' kundizzjoni rizoluttiva espressa (Artikolu 1067 tal-Kodici Civili), allura issib applikazzjoni l-kundizzjoni rizoluttiva tacita li skond l-Artikolu 1068 hi dejjem sottintiza fil-kuntratti bilaterali. Izda f'din l-ipotesi, kif hekk tghid l-istess ligi, l-kuntratt ma jigix xjolt *ipso jure*, u l-Qorti tkun tista' skond ic-cirkostanzi moderata dilazzjoni ghall-ezekuzzjoni ta' l-obbligazzjoni

tad-debitu li jkun baqa' inadempjenti. Il-kommittent htieglu dejjem jadixxi lill-Qorti ghar-rizoluzzjoni tal-kuntratt ("**Dun Bartholomeo Bezzina -vs- Joseph Cassar**", Appell Kummercjali, 22 ta' Gunju 1973). Dan naturalment ukoll biex jevita l-konsegwenza ta' dak dispost fis-subinciz (2) ghall-Artikolu 1640 tal-Kodici Civili rizultanti mix-xoljiment unilaterali da parte tieghu;

Issa huwa korrett li jinghad li fil-kaz in ezami l-attur ghazel it-triq fil-parametri tad-disposizzjoni ta' l-Artikolu 1069 tal-Kodici Civili izda mbaghad minn rajh, minghajr ma nforma lill-perit tekniku u minghajr avviz lill-Qorti jew il-kunsens preventiv taghha, qabad u nkariga terzi biex jaghmlu x-xoghlijiet. Ara verbal ta' din il-Qorti a fol. 42 tal-process fejn cahditlu t-talba ghall-produzzjoni bhala xhud tal-kuntrattur li issokta bix-xoghlijiet. Dan gab bhala konsegwenza li l-ewwel talba giet reza futili ghall-ahhar u jista' jitqies allura li hu xolja l-kuntratt *ad nutum* bil-konsegwenzi kollha li tali att igib mieghu ("**Carmelo Cassar -vs- Alfonso Maria Pace**", Appell Civili, 14 ta' Dicembru 1962;

Dan kollu sar meta l-perit relatur lanqas kien ghadu ghamel il-verifiki tieghu dwar l-allegati difetti u xoghlijiet mhux skond l-arti u s-sengha. Jaghmel sens allura l-kumment tal-perit f'paragrafu 47 tar-rapport tieghu illi "b'li ghamel l-attur, u cioe` b'li nehha x-xoghol li kien lahaq gie ezegwit mill-konvenut, l-istess attur nehha l-aqwa prova li seta' kellu dwar l-allegat xoghol hazin ezegwit mill-konvenut.";

L-attur kellu, kieku ried, ghad-disposizzjoni tieghu l-opportunita` u l-ghazla dettata mis-subinciz (5) ghall-Artikolu 1640 jigifieri li jholl il-kuntratt "bla htiega ta' ebda awtorita` jew konferma mil-Qorti". Hu pero` ma ghazilx li jistrada l-azzjoni tieghu fuq dan il-binarju izda fuq id-dispost generali ta' l-Artikolu 1069 tal-Kapitolu 16. Kieku opta ghall-ewwel alternattiva, kif dejjem seta jaghmel "meta jrid" (subinciz 1) kienu jiskattaw jew il-konsegwenzi dettati mis-subinciz (2) jew dawk mahsuba fis-subinciz (3). Wiehed jifhem li hu ma ghazilx din it-triq in kwantu mbaghad ma setax ikun f'qaghda li jitlob id-danni kif

minnu pretizi fit-tielet talba tieghu. Dan a propozitu kif mil-ligi mahsub proprju fis-subinciz (2) ghall-Artikolu 1069;

Huwa logiku mbaghad illi gjaladarba l-perit relatur gustament ikkonkluda li kienet tonqos il-prova tax-xoghol hazin u tad-difetti, *ergo*, ir-raguni nnifisha tat-talba ghax-xoljiment, il-pretensjoni attrici ghad-danni ma kien jibqala l-ebda fondament. Hemm ukoll raguni ohra u cioe` li l-ispiza in kwistjoni saret minghajr l-awtorizzazzjoni preventiva tal-Qorti, u allura l-konvenut ma jistax jigi kostrett li jbati l-ispejjez li jkunu saru b'arbitriju ta' l-attur; *multo magis*, fejn dawn l-istess spejjez jirrizultaw eccessivi (**Giorgi** "Obbligaz. II para.105);

Kwantu ghat-tieni talba attrici din ser tigi konsiderata fl-ambitu ta' l-azzjoni rikonvenzjonali proposta mill-konvenut;

Fit-trattazzjoni orali quddiem din il-Qorti (traskritta u riportata a fol. 152) gie sottomess li l-perit tekniku ghamel zball meta dan ikkalkula x-xoghol ezegwit fuq il-bazi tar-rati u tal-prezzijiet kurrenti fil-mument tal-ftehim dwar l-appalt. Jekk din il-Qorti fehmet il-hsieb tal-konvenut dejjem skond it-tezi tieghu, gjaladarba s-somma pattwita ghal dan l-appalt kienet "*lump sum*", allura huwa kien intitolat jircievi hlas ghal bicca ta' xoghol li lesta. Dan in kwantu l-ftehim ma kienx bazat fuq il-kejl izda f'xoghol li kien jikkonsisti f'izjed minn bicca jew fazi wahda;

Din il-Qorti ma tikkondividix l-argomenti avvanzati in sostenn ta' din il-posizzjoni assunta mill-konvenut. Il-prezz ghal kull bicca xoghol ma jistax jigi stabbilit bir-rieda unilaterali tal-konvenut ghax dan ikun jippretendi li dak hu l-prezz li kellu fil-*forma mentis* tieghu meta ikkwota prezz uniku ghax-xoghol kollu. Biex dan seta' jkun possibbli ried ikun hemm l-accettazzjoni taz-zewg kontraenti, li ma jirrizultax li hu l-kaz minn Dok. P1;

L-awtur **Marco Vitalevi** ("Appalto di opere e lavori si privati che pubblici", para. 288), citat b'approvazzjoni fis-sentenza "**Roberto Micallef noe -vs- Joseph Mamo pro et noe**", Qorti tal-Kummerc, 9 ta' Marzu 1939, jispjea l-posizzjoni hekk:-

"*Il prezzo delle opere e` il corrispettivo della loro esecuzione. Quindi, per regola generale, a ciascuna quantita` di opere corrisponde la sua quantita` di prezzo e la ragione di esigerla. Questo e` il pricipio generale della materia. Ma la regola stessa subisce delle modificazioni, secondo le diverse modalita` sotto cui venne convenuto l'appalto. Se l'opera fu locata in ragion di un tanto ogni misura od unita` di peso, allora ad ognuna di queste unita` di lavoro compiuto sara` esigibile il relativo unitario prezzo, ancorche` l`intera opera non trovisi compiuta nel suo complesso organico. E infatti la legge stessa all'art 1638 (*illum Art 1657 tal-Kodici Civili Taljan, korrispondenti ghall-Artikolu 1637 tal-Kodici Civili taghna) *spiega come nel lavoro diviso a pezzi o a misura il pagamento della mercede debbasi fare in proporzione del lavoro fatto e misurato.*";

Il-hlas inizzjali ta' erba' mitt lira Maltija (Lm400) kien akkont tax-xoghol kollu kontrattat u, kif jghid subinciz (3) ghall-Artikolu 1637 tal-Kapitolu 16, "minghajr imputazzjoni ghall-ebda bicca partikolari ta' dak ix-xoghol";

Fil-kaz *de quo* l-perit tekniku ikkonkluda li hu kellu joqghod fuq dak stabbilit mill-perit ta' l-istess konvenut, li hu kejjel ix-xoghol esegwit, u dan stante li l-perit ta' l-attur, meta gie prodott bhala xhud mhux biss kien vag izda lanqas seta' jikkonferma c-certifikat (fol. 108) minnu stess redatt. Kien ghalhekk ghal kollox korrett meta ghad-determinazzjoni tal-valur tax-xoghol ezegwit segwa l-kriterju traccjat fic-certifikat ta' l-Arkitett Emanuel Zammit (fol. 114). Il-prezz kien iffissat *a corpo* izda l-partijiet ma stabbiliewx il-mod tad-determinazzjoni tieghu fil-mument tal-ftehim. Din l-istess determinazzjoni setghet issir *a posteriori* bil-mod addottat mill-perit tekniku u dan in bazi ghar-rati ghall-istess xoghol prevalenti fiz-zmien tal-ftehim. Dejjem tenut rigward tal-qisien stabbiliti mill-istess perit tal-konvenut;

Gjaladarba din il-Qorti qed tikkondividi l-metodu applikat mill-espert nominat minnha u gjaladarba fuq il-bazi tal-kalkolu u l-aritmetika tieghu ddikjara li l-konvenut ghandu jirrifondi lill-attur is-somma ta' tmienja u tmenin lira Maltija

u erbghin centezmu (Lm88.40) korrispondenti ghad-differenza bejn l-ammont ricevut akkont [erba' mitt lira Maltija (Lm400)] u l-valur tax-xoghol ezegwit [tlett mija u hdax-il lira Maltija u sittin centezmu (Lm311.60,0)], hu gust u ekwu illi t-Tieni Talba attrici tintlaqa' limitatament ghal dan l-ammont differenzjali stabbilit.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza principali ta' l-attur billi tichad it-talbiet kollha tieghu ad eccezzjoni tat-Tieni Talba li qed tintlaqa' limitatament ghas-somma ta' tmienja u tmenin lira Maltija u erbghin centezmu (Lm88.40,0) li l-konvenut qed jigi kkundannat jirrifondi lill-attur, bl-interessi dekorribbli mid-data ta' din is-sentenza;

Tichad *in toto* l-kontro-talba tal-konvenut u dan ghar-ragunijiet kollha fuq premessi u dawk l-ohra stabbiliti mill-perit tekniku fir-relazzjoni tieghu.

L-ispejjez tal-kawza principali ta' l-attur jibqghu a kariku ta' l-attur. Dawk tal-kontro-talba ghandhom jigu sopportati mill-konvenut. B'dan illi l-ispejjez tal-perizja ghandhom jigu maqsuma kwantu ghal tlett kwarti (3/4) fuq l-attur u kwart (1/4) fuq il-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------